Ian Azzopardi u Sylvia Azzopardi

Vs

Forfun Design Ltd (C 41319)

CCT 200/25/CC

Illum 10 ta' Marzu, 2026

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-atturi ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2025, fejn talbu rifuzjoni ta' l-ammont ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€3,300) rappreżentanti rifuzjoni parzjali minn prezz akbar imhallas mill-atturi fuq ordni ta' materjal ta' 'cladding'.

Ra li s-socjeta intimata debitamenta notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ippreżentat l-ebda risposta, u lanqas deher rappreżentant ta' l-istess socjeta ghas-seduta skedata ghal provi tal-partijiet.

Sema' lil attur Ian Azzopardi jixhed bil-gurament fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2026.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-atturi fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'April 2025 l-atturi ghamlu ordni ta' materjal ta' 'cladding' minghand is-socjeta intimata. 'Cladding' huwa materjal ta' strixxi li jehlu mal-hitan u mas-soqfa. Jirrizulta li l-atturi kif effetwaw l-ordni, infurmaw lis-socjeta intimata li huma ma riedux li joborxu jew jiksu il-hitan, u riedu specificatament li l-istrixxi jehlu direttament mal-hitan u mas-saqaf. L-atturi ordnaw dan il-materjal sabiex jitwahhal mas-saqaf u l-hajt tal-kuritur, tal-*living room*, kif ukoll fil-kamra tal-banju.

L-ammont totali ta' l-ordni kien ta' €9,661 (disat elef, sitt mija wiehed u sittin ewro), minn liema ammont l-atturi halsu depozitu ta' €5,000 (hamest elef ewro), u ammont iehor ta' €41 (wiehed u erbghin ewro) ghal spezzjoni li saret fid-dar taghhom. Jirrizulta li kif beda x-xoghol ta' twahhil mas-saqaf tal-kamra tal-banju, bdew jigu riskonstrati diffikultajiet u eventwalment, l-atturi infurmaw lir-rappreżentant tas-socjeta intimata. F'dan l-istadju, l-atturi gew infurmati li kien mehtieg li s-saqaf jigi

mibrux u miksi - izda huma kienu diga nfurmaw lir-rapprezentant tas-socjeta intimata li ma xtaqux li jaghmlu dan. Jirrizulta li sussegwentement gew anke riskontrati diffikultajiet ulterjuri fuq il-kumplament tax-xoghol.

Illi l-ammont ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€3,300) reklamat mill-atturi huwa ammont bilancjali mill-ammont ta' €5,000 (hamest elef ewro) imhallas mill-atturi bhala depozitu, stante li x-xoghol li sar mis-socjeta intimata jammonta ghas-somma ta' €1,700 (elf u seba' mitt ewro). Inoltre, mill-atti jirrizulta li kwalunkwe materjal li kien fil-pussess ta' l-atturi gie ritornat ghand is-socjeta intimata.

Minkejja diversi tentattivi, sabiex l-atturi jigu rifuzi l-ammont ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€3,300) dan ma sehhx, u ghaldaqstant, huma kellhom jirrrikorru ghal dawn il-proceduri.

Da parti taghha, s-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, ma deher hadd in rapprezentanza tas-socjeta ntimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja.

Illi t-Tribunal, wara li sema' l-attur, jixhed bil-gurament fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2026, u wara li ra d-dokumenti ezebiti mill-atturi, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-atturi timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-atturi irnexxielhom jipprovaw l-istanza taghhom sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnhom ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lil atturi s-somma ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€3,300) rapprezentanti rifuzjoni parzjali minn prezz akbar imhallas minnhom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-atturi ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru